**30 ta' Jannar, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Victor Fiorentino

**Serq ta' Kurrent Elettriku – Presunzjoni – Bdil fil-liġi – Reat Kontinwat – Aggravju tal-Lok – Spejjeż ta' l-Esperti**

*Ir-reat kontinwat huwa kkunsidrat bħala reat wieħed b'finzjoni ġuridika. Din il-finzjoni tiġġova lill-aġent mill-aspett ta' piena iżda mhux minn aspetti oħra. Ir-reat kontinwat għandu jitqies ikkunsmat dakinhar li l-aġent ikun ikkommetta l-aħħar fatt inkriminat.*

*Il-kwalifika tal-lok fis-serq ma tapplikax f'każ li s-serq jiġi kommess fid-dar ta' min jikkommetti l-istess serq.*

*Biex il-Qorti tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-periti irid ikun hemm talba għal daqshekk mill-prosekutur.*

Il-Qorti: –

Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-Isla bejn it-13 ta' Frar, 1986 u l-11 ta' April 1988 bħala l-proprjetarju jew konsumatur tal-fond 124 *Flat* 2, St. Joseph Street, L-Isla, bħala l-persuna responsabbli għall-*meter* ta' l-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu użu jew il-konsum

illeġittimu tal-kurrent tad-dawl jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata fil-fond fuq imsemmi, kkommetta serq ta' dawl elettriku ta' Lm91.80c, għad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok, u talli fl-istess lok u fl-istess żmien għamel ħsara volontarja fil-*meter* ta' l-elettriku liema ħsara tammonta għal Lm3 għad-dannu ta' l-istess Korpoı azzjoni;

Rat is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u lliberatu a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat fi żmien sitt xhur mid-data ta' dik is-sentenza, ordnatlu jħallas lill-Korporazzjoni EneMalta erbgħa u disgħin lira u tmenin ċenteżmu, u wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9, ordnatlu wkoll li jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti "l-ispejjeż kollha in rigward esperti nominati mill-istess Qorti";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-revoka ta' dik is-sentenza u l-liberazzjoni tiegħu mill-imputazzjonijiet u l-piena;

Rat l-atti l-oħra, u ttrattat l-appell ikkunsidrat illi:

*Omissis;*

L-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 però jiddisponi li fil-każ ta' ksur ta' xi siġill jew ta' xi *meter*, jew fil-każ li jkun hemm mezzi qarrieqa li fihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu tal-kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantità meħuda jew

ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond fejn ikunu nstabu dawk il-ksur u l-mezzi qarrieqa, jaf b'dan l-użu jew konsum ta' dak il-kurrent. L-appellant kien id-detentur tal-*flat* li għalih kien jappartjeni l-*meter* in kwistjoni. Bid-disposizzjoni premessa, huwa preżunt li l-appellant kien jaf bil-ksur u bil-mezzi qarrieqa li rriżultaw eżistenti f'dak il-*meter*. Anki kkunsidrat il-fatt li l-appellant kien għalaq il-*meter* f'armadju li kien imsakkar b'katnazz, l-appellant dik il-preżunzjoni ma rribattihiex bid-deposizzjoni tiegħu jew b'xi prova oħra;

Fir-rikors ta' l-appell l-appellant jissottometti li l-preżunzjoni msemmija mhix applikabbli f'dan il-każ. Jgħid li l-akkuża tirriferixxi għall-perijodu mit-13 ta' Frar, 1986 sal-11 ta' April, 1988. Kjarament hawn si tratta ta' reat kontinwat u konsegwentement reat wieħed *ai termini* ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Issa l-preżunzjoni fl-artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali ġiet emendata b'effett mis-26 ta' Settembru, 1986. Kif kienet il-liġi qabel din l-emenda, il-preżunzjoni kontra d-detentur tal-fond kienet tapplika biss fil-każ tal-ksur ta' **fili** jew **ġumni** tas-servizz elettriku, u mhux ċjoè ta' *meters*. Fl-emenda msemmija, l-preżunzjoni ġiet estiża għall-każ ta' ***meters*** u tas-siġill ta' xi ***meter***. Fil-każ preżenti kien hemm il-ksur tas-siġilli tal-*meter*, però mhux tal-fili jew tal-ġumni. Mela kif kienet il-liġi qabel is-26 ta' Settembru, 1986, il-preżunzjoni ma kinitx tapplika fil-każ preżenti. Issa trattandosi ta' reat wieħed li beda qabel ġiet fis-seħħ l-emenda tas-26 ta' Settembru, 1986, taħt ir-regoli ta' interpretazzjoni, l-appellant għandu dritt għall-applikazzjoni ta' l-ipotesi l-aktar favorevoli għalih. Dan ifisser li ma tistax tapplika l-preżunzjoni kontra l-appellant għaliex il-liġi applikabbli hija dik fis-seħħ meta beda r-reat kontinwat. L-argument permess f'dan il-paragrafu huwa ta' l-appellant;

M'hemmx dubju li f'dan il-każ, si tratta, kif jaqbel l-appellant, ta' reat kontinwu. Dan huwa kkunsidrat bħala reat wieħed b'finzjoni ġuridika, għaliex fir-realtà hemm numru ta' reati, kommessi fi żminijiet differenti. Din il-finzjoni tiġġova lill-aġent mill-aspett tal-piena (artikolu 18 Kap. 9) iżda mhux minn aspetti oħra. Di fatti l-artikolu 691 Kapitolu 9 jgħid li għar-reati kontinwati ż-żmien tal-prekrizzjoni jibda jiddikorri mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi. Ir-reat kontinwat għandu jitqies ikkunsmat dakinhar li l-aġent ikun ikkommetta l-aħħar fatt inkriminat *(Corte di Cossazione* 19-11-1913) *"È costante in giurisprudenza che la continuazione prolungatesi sotto una legge nuova più severa, va punita secondo questa" (Maino – Commento al Codice Penale Italiano Vol. I para. 442);*

Mill-premess jirriżulta ċar li r-reat kontinwat fil-każ odjern għandu jiġi kkunsidrat ikkunsmat fil-ġurnata li fiha l-aħħar li tpoġġiet it-tertuqa, jew li ġie adoperat il-mezz qarrieq, biex jiġi miżmum id-disk tal-*meter*. Mid-dokumenti esebiti mmarkati "RC" u "SD" li huma r-*record of consumption* relattiv għall-*meter* in kwistjoni, jirriżulta li dan il-mezz ġie adoperat diversi drabi anki wara Settembru, 1986 meta l-preżunzjoni tal-ħtija bdiet isseħħ kontra l-appellant;

L-appellant fir-rikors tiegħu jilmenta li l-ewwel Qorti sabitu ħati ta' serq aggravat ukoll bil-lok. Jidher ċar li din il-kwalifika tal-lok ġiet dedotta minħabba li rriżulta li s-serq ġie kommess "f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha," kif jiddisponi l-artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9. L-intenzjoni tal-liġi *però kjarament hija li din l-aggravanti tal-vjolazzjoni tad-*domiċilju ma għandhiex tiġi applikata f'każ li s-serq jiġi kommess fid-dar ta' min jikkommettih, kif ġara fil-każ in eżami. L-ilment imsemmi huwa ġġustifikat;

*Omissis;*

L-aħħar aggravju jirrigwarda l-ordni fis-sentenza appellata għall-pagament mill-appellant ta' l-ispejjeż ta' esperti ġudizzjarji. Dan l-aggravju huwa fondat. F'dan ir-rigward l-artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li **jekk il-prosekutur jagħmel talba għal daqshekk**, il-Qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur ta' l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-periti fil-proċeduri, **f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.** Din il-Qorti għamlet is-sottolineaturi hawn fuq u tirrileva li mill-atti ma jidhirx li saret it-talba msemmija mill-prosekuzzjoni., L-anqas ma ġie *stabbilit* fis-sentenza appellata l-ammont ta' l-ispejjeż tal-perizji;

Għall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi:

(1) tikkonfermha in kwantu li biha l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati tas-serq dedott fl-ewwel imputazzjoni kkwalifikat bil-mezz iżda mhux bil-lok; in kwantu li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat fi żmien sitt xhur, b'dan li dan il-perijodu għandu jibda jiddikorri mil-lum, u in kwantu li ordnatlu jħallas lill-Korporazzjoni EneMalta erbgħa u disgħin lira u tmenin ċenteżmu (Lm94.80,0) (fit-termini ta' l-artikolu 11 tal-Kapitolu 152);

(b) tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u minflok tillibera lill-appellant mill-kwalifika tal-lok aggravanti s-serq li tiegħu ġie misjub ħati, u mit-tieni imputazzjoni tal-ħsara volontarja. B'riserva ta' kull ordni ulterjuri fuq talba magħmula għall-ispejjeż tal-perizji skond l-artikolu 533 Kapitolu 9.